MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 88/2004

Kawza fil-lista: 50

**A B**
**Vs**
**L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja nominati kuraturi deputati b' digriet tat-3 ta' Dicembru 2004, u sussegwentement b' digriet tas-16 ta' Dicembru 2004 sostwiti bl-Avukat Dottor Tonio Azzopardi u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar nominati biex jirrappresentaw lill-assenti C B D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi fit-28 ta’ Settembru 2002 l-attur izzewweg lil C D (Dok. A), ta’ nazzjonalita’ Marokkina;

Peress illi wara z-zwieg l-attur sar jaf li C D kienet diga’ mizzewga (Dok. B);

Peress li l-kunsens ghaz-zwieg tal-attur kien karpit b’ ingann dwar l-istat ta’ C D; u

Peress li l-kunsens tal-konvenuta ghaz-zwieg ma’ l-attur ma kienx skond ir-rekwiziti tal-ligi dwar ir-rabta konjugali u l-kunsens taghha kien moghti biss halli hija takkwista id-dritt ta’ access ghall-pajjizi tal-Ewropa, fejn marret biss wara hames xhur miz-zwieg ma’ l-attur;

Peress li hemm lok li z-zwieg imsemmi tal-attur ikun iddikjarat null u bla effett;

Tghid il-konvenuta ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex tiddikjara null u bla effett iz-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta C D fit-28 ta’ Settembru 2002 wara li jigi dikjarat li l-kunsens tal-attur kien karpit b’ ingann dwar l-istat reali tal-konvenuta u l-kunsens ghaz-zwieg tal-konvenuta kien nieqes mir-rekwiziti tal-ligi dwar kunsens validu ghaz-zwieg.

Il-konvenuta hija mharrka ghas-subizzjoni u kontro-ezami bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi l-eccipjenti jafu illi d-decizjoni moghtija mit-Tribunal Ekklesjastiku dwar dan iz-zwieg ma gietx registrata mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell minhabba problema ta’ natura procedurali. Izda, dwar il-validita’ o meno taz-zwieg imsemmi fic-citazzjoni l-eccipjenti ma jafu xejn u ghalhekk jiddikjaraw li m’ humiex edotti mill-fatti tal-kaz u qeghdin jirriservaw li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat fit-28 ta’ Settembru 2002 ma’ l-assenti C D, mara ta’ nazzjonalita’ Marokkina, huwa null fil-ligi stante li fiz-zmien tal-kontrattazzjoni ta’ dan iz-zwieg, l-imsemmija C D kienet mizzewwga lil ragel iehor, skond certifikat awtentikat mahrug mill-Konsulat tar-renju tal-Morokk [fols.7 u 8].

Mill-provi rrizulta li f’ dak iz-zmien hija kienet gja mizzewwga ma’ Aziz bin Omad, ragel ta’ nazzjonalita’ Marokkina, liema zwieg kien sehh fis-19 ta’ Ottubru 1998, u li mill-provi ma rrizultax li l-imsemmi Aziz Omad huwa mejjet.

Ghalhekk iz-zwieg li l-assenti kkuntrattat ma’ l-attur huwa null fil-ligi fit-termini ta’ l-Artikolu 6 tal-Kap.255 stante li fit-28 ta’ Settembru 2002 dina kienet diga’ marbuta biz-zwieg ma’ ragel iehor.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn l-attur A B u l-assenti C D fit-28 ta’ Settembru 2002; l-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenuta, izda dawk relatati mal-kuraturi deputati ghandhom provvisorjament jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------